31983R2213

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2213/83
tat-28 ta' Lulju 1983
li jistabbilixxi standards ta' kwalità għall-basal u ċ-ċikwejra *witloof*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex [1] kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1738/82 [2], u partikolarment Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi l-*istandards* ta' kwalità għall-basal huma stabiliti f'Anness II/6 tar-Regolament Nru 23 [3]; billi dawk l-*istandards* ġew emendati bir-Regolament Nru 87/64/KEE [4];

Billi l-*istandards* ta' kwalità għaċ-ċikwejra *witloof* huma stabbiliti f'Anness I/2 għar-Regolament Nru 58 [5];

Billi saret bidla fil-produzzjoni u fil-bejgħ fis-suq ta' dawn il-prodotti partikolarment f'dak li jirigwardja l-ħtiġiet tal-konsumatur u s-suq bl-ingrossa; billi l-istandards komuni ta' kwalità għall-basal u ċ-ċikwejra *witloof* għandhom għalhekk jinbidlu biex jittieħed akkont ta' dawk il-ħtiġiet ġodda;

Billi bidliet bħal dawn jinvolvu tibdil tad-definizzjoni tal-klassi supplimentari ta' kwalità kif stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1194/69 [6]; billi akkont għandu jittieħed fid-definizzjoni ta' dik il-klassi, ta' l-importanza ekonomika għall-produtturi u l-prodotti konċernati u tal-ħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-konsumatur;

Billi l-*istandards* huma applikabbli fl-istadji kollha tal-bejgħ fis-suq; billi l-ġarr għal distanzi twal, il-ħażna għal xi tul ta' żmien jew l-operazzjonijiet varji tal-immaniġġar jistgħu iwaslu għal-deterjorazzjoni minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodott jew mit-tendenza li jitmermru; billi, għalhekk, għandu jittieħed akkont ta' deterjorazzjoni ta' din ix-xorti meta jiġu applikati l-*istandards* fl-istadji tal-bejgħ fis-suq wara li jkunu ntbagħtu; billi, il-prodotti fil-klassi "*Extra*" għandhom jintgħażlu u jiġu ppakkjati b'reqqa kbira ħafna, biss in-nuqqas ta' freskezza jew nefħa għandhom ikunu meqjusa fil-każ tagħhom;

Billi fl-interess tal-kjarezza u ċ-ċertezza f'dawk li huma kondizzjonijiet legali meħtieġa għall-ħeffa ta' l-użu tal-*istandards* hekk mibdula għandhom jiġu konsolidati f'test wieħed;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-*istandards* ta' kwalità għall-basal li jaqgħu taħt is-subintestatura 07.01 H tat-Tariffa Doganali Komuni u għaċ-cikwejra *witloof* li jaqgħu taħt is-subintestatura 07.01 D II tat-Tariffa Doganali Komuni huma stabbiliti f'Anness I u II għal dan,

Dawn l-*istandards* għandhom japplikaw fl-istadji kollha tal-bejgħ fis-suq, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72.

B'dana kollu, fl-istadji li jseħħu li jintbagħtu, il-prodotti jistgħu juru, b'relazzjoni mal-*istandards* preskritti,

— nuqqas żgħir ta' friskezza u nefħa,

— għall-prodotti klassifikati fil-klassijiet apparti milli tal-klassi "*Extra*", tibdil żgħir kawżat mill-iżvilupp u t-tendenza tagħhom li jitmermru.

Artikolu 2

1. Il-kliem "għall-basal" f'Artikolu 2 tar-Regolament Nru 23 u l-kliem "iċ-ċikwejra *witloof*" fl-ewwel Artikolu tar-Regolament Nru 58 u t-termini "basal, ċikwejra *witloof*" fl-ewwel Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 1194/69 huma hawnhekk imħassra.

2. Anness II/6 tar-Regolament Nru 23 u Anness I/2 tar-Regolament Nru 58 u Annessi II u III tar-Regolament (KEE) Nru 1194/69 huma hawnhekk imħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għand jidħol fis-seħħnhar l-1 ta' Settembru 1983.

---

(1) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
(2) ĠU L 190, ta' l-1.7.1982, p. 7.
(3) ĠU Ċ 30, ta' l-20.4.1962, p. 965/62.
(4) ĠU Ċ 116, tal-21.7.1964, p. 1050/64.
(5) ĠU Ċ 56, tas-7.7.1962, p. 1607/62.
(6) ĠU L 157, tat-28.6.1969, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

STANDARD TA' KWALITÀ GĦALL-BASAL

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għall-basal imkabbra mill-varjetajiet (cultivars) tal-Allium cepa L., li għandhom ikunu forniti lill-konsumatur fl-istat naturali, il-basal aħdar b'weraq sħaħ u basal għall-ipproċessar industrijali huma esklużi.

II. DISPOSIZZJONIJIET DWAR KWALITÀ

L-iskop tal-*istandard* huwa li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità tal-basal wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-każi kollha, li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permissibbli, il-basal għandhom ikunu:

— mhux minsusa; iżda l-preżenza ta' xquq żgħar fil-qoxra ta' barra u n-nuqqas ta' parti mill-qoxra ta' barra m'humiex kunsidrati bħala difetti basta ma tkunx tidher il-polpa,

— f'kondizzjoni tajba; prodott affettwat minn tħassir jew taħsir tant li ma jħalluħx tajjeb għal konsum huwa eskluż,

— nadif, tista' tgħid mingħajr ebda materja barranija li tidher,

— ħieles minn ħsara kkawżata mill-ġlata,

— xott biżżejjed għall-użu ntiż (fil-każ tal-basal tal-pikles, għallanqas l-ewwel żewġ qxur ta' barra u z-zokk għandhom ikunu xotti għal kollox),

— ħieles minn umdità mhux normali fuq barra,

— ħieles minn riħa u/jew togħma barranija.

Fl-aħħar nett, iz-zkuk għandhom ikunu mibruma jew maqtugħa netti u mhux itwal minn 4 cm (ħlief għall-basal imdamma).

Il-kondizzjoni tal-basal għandha tkun hekk li tippermettilhom:

— jissaportu t-trasport u l-immaneġġar, u

— li jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post ta' fejn għandhom jaslu.

B. **Klassifikazzjoni**

Il-basal huma klassifikati fi tlett klassijiet definiti hawn taħt:

(i) *Klassi I:*

Basal f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Bħala forma u kulur għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà.

Il-basal għandhom ikunu:

— sodi u kompatti,

— mingħajr dehra ta' ebda rimja li qed tikber jew ħierġa,

— mingħajr vojt jew zkuk iebsa,

— ħieles minn infiħ ikkawżat minn żvilupp annormali,

— tista' tgħid ħieles minn trofof tal-għeruq (iżda, għall-basal maqtugħin qabel ma jkunu saru għal kollox, trofof tal-għeruq huma permissibbli), xquq żgħar fil-qoxra ta' barra huma permissibbli.

Tbajja ċari li ma jaffettwawx l-aħħar qoxra niexfa li tkun qegħda tħares il-polpa huma permissibbli.

(ii) *Klassi II:*

Din il-klassi tinkludi basal li ma jikkwalifikax biex jidħol fi klassi I, iżda jissodisfa l-ħtiġiet minimi kif speċifikati hawn fuq.

Għandhom ikunu raġonevolment sodi u, sakemm jibqgħalhom il-karatteristiċi essenzjali ta' kwalità u preservazzjoni, jistgħu juru d-difetti li ġejjin:

— forma u kulur li m'humiex tipiċi tal-varjetà,
— sinjali bikrija ta' tkabbir jew ħrug ta' rimja (mhux aktar minn 10 % skond in-numru jew il-piż għal kull unità ta' preżentazzjoni),
— traċċi ta' tħakkik,
— marki żgħar ikkawżati minn parassiti jew mard,
— xquq żgħar imfejqa,
— tbenġil żgħir, imfejjaq, li aktarx li ma jfixkilx il-kwalitajiet taż-żamma tagħhom.

Jista' jkollhom trofof tal-għeruq.

Tbajja li ma jaffettwawx l-aħħar qoxra niexfa li tkun qegħda tħares il-polpa huma permissibbli.

(iii) *Klassi III* [1]*:*

Din il-klassi tinkludi basal li ma jikkwalifikawx biex jidħlu fil-klassi II.

B'dana kollu, jistgħu juru dan li ġej:

— traċċi żgħar ta' ħamrija,
— bidu ta' tkabbir ta' rimja ħierġa mhux aktar minn 20 % skond in-numru jew il-piż għal kull unità ta' preżentazzjoni,
— tbenġil li aktarx li ma jfixkilx il-kwalitajiet li taż-żamma tagħhom.

III. DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-GĦAŻLA SKOND ID-DAQS

L-għażla skond id-daqs hija stabbilita bid-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali. L-anqas dijametru huwa ta' 10 mm. Id-differenza bejn id-djametru tal-iżgħar u tal-akbar basal fl-istess pakkett m'għandhiex tkun akbar minn:

Klassijijet I u II:

— 5 mm meta d-dijametru tal-iżgħar basla huwa ta' 10 mm u aktar imma anqas l-20 mm; b'dana kollu, meta d-dijametru tal-basla ikun ta' 15 mm u aktar imma anqas minn 25 mm, id-differenza tista' tkun ta' 10 mm,
— 15 mm meta id-dijametru ta' l-iżgħar basla huwa ta' 20 mm u aktar imma anqas minn 40 mm,
— 20 mm meta id-dijametru tal-iżgħar basla huwa ta' 40 mm u aktar imma anqas minn 70 mm,
— 30 mm meta id-dijametru tal-iżgħar basla jkun ta' 70 mm jew aktar.

Basal fil-klassi III jistgħu jvarjaw fid-daqs b'mhux aktar minn 30 mm fl-istess pakkett.

IV. DISPOSIZZJONIJIET DWAR TOLLERANZI

Tolleranzi rigward il-kwalità u daqs huma permissibbli f'kull pakkett għal prodott li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet meħtieġa mill-klassi ndikata.

A. **Tolleranzi ta' kwalità**

(i) *Klassi I:*

10 % skond in-numru jew il-piż tal-basal li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-klassi, iżda li jissodisfaw dawk għall-klassi II jew, f'każi eċċezzjonali, li jidħlu fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Klassijiet II u III:*

10 % skond in-numru jew il-piż tal-basal li la jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa mill-klassi u lanqas il-ħtiġiet minimi, eskluż il-prodott affettwat minn tħassir, jew xi deterjorazzjoni oħra li jagħmluh mhux tajjeb għall-konsum.

B. **Tolleranzi ta' daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % skond in-numru jew il-piż tal-basal li ma jkunux konformi mad-daqs identifikat, imma b'dijametru ta' mhux aktar minn 20 % taħtu jew fuqu.

---

[1] Klassi addizzjonali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72. L-applikazzjoni ta' din il-klassi ta' kwalità jew ta' xi whud mill-ħtiġiet tagħha huma suġġetti għal deċiżjoni li għandha tittieħed skond Artikolu 4(1) ta' l-istess Regolament.

V. DISPOSIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u għandu jinsab fih biss basal tal-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs.

L-uniformità tista' tkun limitata għall-oriġini u daqs għall-basal fil-klassi III.

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Preżentazzjoni**

Il-basal jista' jiġi ppreżentat

— irranġat fi strati,

— ippakkjat bill-massa,

— "mdamma" (mhux anqas minn 16 il-basla, bi zkuk imnixxfa għal kollox).

C. **Ippakkjar**

Il-basal għandu jiġi ppakkjat b'mod li jassigura l-ħarsien sewwa tal-prodott.

Il-materjali wżati ġewwa l-pakket għandhom ikunu ġodda, ndaf u ta' kwalità li tevita li tikkawża kull ħsara minn barra jew minn ġewwa lill-prodott. L-użu ta' materjali u partikularment ta' karta jew bolol li jkollhom fuqhom dettalji tan-negozju huwa permissibli basta li l-istampar jew l-ittikkettjar ikun sar b'linka jew b'kolla mhux tossiċi.

L-ippakkjar għandu jkun ħieles minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJONIJIET DWAR IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu fuqu d-dettalji li ġejjin b'ittri ggruppati fuq l-istess naħa; immarkati b'mod li jista' jinqara' u li ma jitħassarx u li jidhru minn barra:

A. **Identifikazzjoni**

1.2 Min ippakkja u/jew min Bagħat } Isem u indirizz jew marka tal-kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment.

B. **Natura tal-prodott**

"Basal", jekk il-kontenut ma jkun jidher minn barra.

C. **Oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini, u voluntarjament, id-distrett ta' fejn ikun tkabbar jew l-isem tal-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **Dettalji kummerċjali**

— il-klassi,

— id-daqs indikat bid-dijametri minimi u massimi,

— il-piż.

E. **Marka ta' kontroll uffiċjali (voluntarja)**

L-ANNESS II

LIVELLI TA' KWALITÀ GĦAĊ-ĊIKWEJRA WITLOOF

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għaċ-ċikwejra, i.e. nebbieta taċ-ċikwejra sffurzati mill-għeruq ta' varjetajiet (cultivars) ta' "ċikwejra *witloof*" akwistata minn Cichorium intybus L. var. foliosum HEGI, intiżi biex ikunu fornuti friski lejn il-konsumatur, iċ-ċikwejra *witloof* għal skopijiet industrijali hija eskluża.

II. DISPOSIZZJONIJIET DWAR KWALITÀ

L-iskop ta' dan l-istandard huwa li jiddefinixxi l-ħtiġiet ta' kwalità miċ-ċikwejra *witloof* wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, suġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permissibbli, iċ-ċikwejra għandha tkun:

— mhix mittifsa

— shiħa; prodott li huwa affettwat minn taħsir jew tħassir tant li ma jibqax tajjeb għall-konsum huwa eskluż,

— ħielsa minn tbajja ħamranin, ħsara tal-ġlata jew traċċi ta' tbenġil,

— ħielsa minn ħsara kkawżata minn annimali gerriema jew mard,

— ħielsa minn ħsara kkawżata minn insetti jew parassiti oħra,

— ħielsa mill-bidu ta' spigi tal-fjur aktar minn tlett-kwarti tat-tul tagħha.

— nadifa, partikularment li ma jkollhiex weraq maħmuġa bil-ħamrija u tista' tgħid ħielsa minn kull materja barranija li tidher,

— pallida, i.e. bajda għal safranija - ta' kulur abjad,

— maqtugħa jew miksura netta fil-parti tal-għonq,

— ta' dehra friska,

— ħielsa minn umdità annormali fuq barra,

— ħielsa minn riħa u/jew togħma barranija.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni taċ-ċikwejra għandhom ikunu hekk li jkunu jistgħu:

— jissaportu l-ġarr u l-imaneġġar, u

— li jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifikazzjoni**

Iċ-ċikwejra hija klassifikata f'erba' klasssijiet kif definiti hawn taħt:

(1) *Klassi "Extra":*

Iċ-ċikwejra f'din il-klassi għandha tkun ta' kwalità superjuri. Għandha, partikolarment:

— tkun iffurmata tajjeb,

— tkun soda,

— jkollha rjus magħluqa, i.e. irjus b'ponta fina, u ponta magħluqa tajjeb,

— ikollha l-weraq ta' barra mill-anqas tlett-kwarti tat-tul taċ-ċikwejra,

— ma tkunx ħadranija jew b'dehra ħġieġija.

(ii) *Klassi I:*

Iċ-ċikwejra f'din il-klassi għandha tkun ta' kwalità tajba. Għandha, partikolarment:

— tkun raġonevolment soda,

— ikollha l-weraq ta' barra mill-anqas nofs it-tul taċ-ċikwejra,

— ma tkunx ħadranija jew ta' dehra ħġieġija.

Tista' tkun ta' forma anqas regulari, u l-ponot, mingħajr id-dijametru tal-fetħa li jisboq l-akbar dijametru taċ-ċikwejra b'aktar minn kwint, jista' jkun anqas magħfus u magħluq minn dak għall-klsssi "Extra".

(iii) *Klassi II:*

Din il-klassi tinkludi ċ-ċikwejra li ma tikkwalifikax biex tiddaħħal fi klassijiet ogħla, iżda li tissodisfa l-ħtiġiet minimi speċifikati hawn fuq.

Tista', b'dana kollu, jkollha d-difetti li ġejjin:

— tkun ta' forma xi ftit irregolari,

— tkun ftit ħadranija fit-trufijiet tal-weraq,

— tkun ftit miftuħa fil-ponta (id-dijametru tal-fetħa ma jistax jisboq l-akbar dijametru taċ-ċikwejra b'aktar minn terz.

(iv) *Klassi III* [1]*:*

Din il-klassi tinkludi ċ-ċikwejra li ma tikkwalifikax biex tiddaħħal fil-klassijiet ogħla, iżda li tissodisfa l-ħtiġiet definiti għall-klassi II.

Tista, b'dana kollu, jkollha d-difetti li ġejjin:

— tkun ta' sura mhux regolari,

— tkun ħadranija fit-trufijiet tal-weraq,

— turi traċċi żgħar ta' ħsara ħamranija fil-kulur tal-weraq ta' barra.

III. DISPOSIZZJONIJIET DWAR GĦAŻLA SKOND ID-DAQS

L-għażla skond id-daqs hija stabilita l-ewwel nett skond id-dijametru tal-parti l-aktar wiesgħa li tagħmel angolu kartabun mal-assi longitudinali u t-tieni skond it-tul. Għal kull klassi, id-daqsijiet huma ffissati skond dan li ġej:

(ċm)

	Extra	I	II	III
Dijametru minimu				
- ċikwejra ta' tul taħt l-14 il-ċm	2,5	2,5	2,5	2,5
- ċikwejra ta' tul ta' 14 il-ċm jew aktar	3	3	2,5	2,5
Dijametru massimu	6	8	–	–
Tul minimu	9	9	9 [1]	9 [1]
Tul massimu	17	20	24	24

[1] Madankollu, ċ-ċikwejra li tvarja fit-tul bejn is-6 u t-12 il-ċm tista' tiddaħħal fil-klassijiet II u III, basta li jissemma fuq il-pakkett it-tul minimu u massimu taċ-ċikwejra li tkun tinsab fih.

F'xi pakkett wieħed:

(i) l-akbar differenza fit-tul permissibli bejn in-nebbieta taċ-ċikwejra hija ta' 5 ċm għall-klassi "*Extra*", 8 ċm għall-klassi I u 10 ċm għall-klassijiet II u III;

[1] Klassi addizzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72. L-applikazzjoni ta' din il-klassi ta' kwalità jew ta' xi whud mill-ħtiġiet tagħha jiddipendu fuq deċiżjoni li tittieħed fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-istess Regolament.

(ii) l-akbar differenza fid-dijametru permissibbli bejn in-nebbieta taċ-ċikwejra hija ta' 2,5 ċm għall-klassi "*Extra*", 4 ċm għall-klassi I u 5 ċm għall-klassijiet II. L-ebda limitu m'hu ffisat għaċ-ċikwejra fil-klassi III.

IV. DISPOSIZZJONIJIET DWAR TOLLERANZI

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs huma permissibbli f'kull pakkett għal prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet għall-klassi tagħhom.

A. **Tolleranzi ta' kwalità**

(i) *Klassi "Extra":*

5 % skond in-numru jew il-piż tan-nebbieta taċ-ċikwejra li ma tissodisfax il-ħtiġiet ta' din il-klassi iżda li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din il-klassi I jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Klassi I:*

10 % skond in-numru jew il-piż tan-nebbieta taċ-ċikwejra li ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' din il-klassi iżda li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-klassi II jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Klassi II:*

10 % skond in-numru jew il-piż tan-nebbieta taċ-ċikwejra li ma jissodisfax la il-ħtiġiet ta' din il-klassi u lanqas il-ħtiġiet minimi, iżda li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-klassi II jew, bl-eċċezzjoni għal prodott affettwat bi tħassir jew kull taħsir ieħor li jagħmluh mhux tajjeb għall-konsum;

(iv) *Klassi III:*

15 % skond in-numru jew il-piż tan-nebbieta taċ-ċikwejra li ma jissodisfawx la l-ħtiġiet ta' din il-klassi u lanqas il-ħtiġiet minimi, b;-eċċezzjoni għal prodott affettwat minn tħassir jew kull taħsir ieħor li jagħmluh mhux tajjeb għall-konsum

B. **Tolleranzi tad-daqs:**

Għall-klassijiet kollha: 10 % skond in-numru jew piż tan-nebbieta taċ-ċikwejra li t-tul u d-dijametru tagħhom m'humiex aktar minn 1 ċm il-fuq jew taħt il-qisien tad-daqs mogħtija fis-sezzjoni III. L-ebda tolleranzi ma huma permissibli, b'dana kollu, rigward id-dijametru minimu.

V. DISPOSIZZJONIJIET DWAR PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u għandu jinkludi biss ċikwejra ta' l-istess oriġini, varietà u daqs.

L-uniformità tista' tkun limitata għall-oriġini u daqs għaċ-ċikwejra fil-klassi III.

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakket għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Preżentazzjoni**

Iċ-ċikwejra klassifikata bħala "*Extra*" u bħala l-klassijiet I u II għandha titqiegħed:

— jew b'mod ibbilanċjat fi strati,

— jew f'pakketti żgħar.

Iċ-ċikwejra fil-klassi III għandha titqiegħed f'pakketti li jiżnu mhux anqas minn 7 kilogrammi.

Ċ. **Ippakkjar**

Iċ-ċikwejra għandha tkun ippakkjata b'mod li tħares il-prodott sewwa.

Jekk hija preżentata f'kaxex ta' l-injam, għandha tkun separata mill-ġnub kollha tal-kaxxa b'materjal protettiv.

Il-materjali li jintużaw ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' kwalità li tevita li tikkawża kull ħsara minn barra jew minn ġewwa lill-prodott. L-użu ta' materjali u speċjalment ta' karta jew bolol li jġorru dettalji tan-negozju huwa permissibbli, basta li l-istampar jew l-ittikkettjar ikun sar b'linka jew kolla li ma humiex tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJNIJIET DWAR L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu fuqu d-dettalji li ġejjin b'ittri iggruppati fuq l-istess naħa, immarkati b'mod li jistgħu jinqraw u li ma jitħassrux, u li jidhru minn barra.

A. **Identifikazzjoni**

1.2 Min ippakkja u/jew min bagħat } L-isem u l-indirizz jew ilmarka b'kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment.

B. **Natura tal-prodott**

"Witloof" jew "ċikwejra ***witloof***" jekk il-kontenut ma jkun jidher minn barra.

Ċ. **Oriġini tal-prodott**

Pajjiż ta' l-oriġini u, voluntarjament, id-distrett fejn tkabbar, jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

D. **Dettalji kummerċjali**

— klassi,

— it-tul massimu u minimu taċ-ċikwejra fil-klassijiet II u III li jvarja fit-tul bejn is-6 u t-12 il-ċm biss.

E. **Marka uffiċjali tal-kontroll (voluntarja)**